MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Numru. 235/2007

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D., MA**

**ILLUM 12 TA' APRIL, 2007**

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARISA CAMILLERI**

**VS**

**CHRISTIAN DIMECH**
**MALVIN CATANIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Christian Dimech, detentur tal-karta tal-identita' 61291M, bin Saviour u Josephine K/A Giuzeppa nee' Busuttil, imwieled

Tal-Pieta' nhar it-13 ta' Jannar, 1991, residenti fil-fond Flat 4, Block D, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi;
U Malvin Catania, detentur tal-karta tal-identita' 545386M, bin Raymond u Tania Mary nee' Formosa, imwieled Tal-Pieta' nhar il-11 ta' Novembru, 1986, residenti fil-fond Flat 1, Binja Hesri, Ent G, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi.

Akkuzati talli:

a) F'xi hin matul il-lejl ta' bejn l-24 ta' Marzu, 2007 u nhar il-25 ta' Marzu, 2007 gewwa l-Kazin Nazzjonalista, Pjazza San Nikola, Siggiewi ikkommettew serq ta' flus, sigaretti, prodotti ta' tabakk, u apparat ta' daqq (2 mixers tal-ghamla Audio America), ghad-dannu ta' Classic Gaming Ltd, il-kumitat tal-Kazin Nazzjonalista u l-barman tal-istess kazin Silvio Cortis detentur tal-karta tal-identita' 642482(M), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u bil-valur, liema valur jiskorri l-Lm1,000.00 (skond l-Artikoli 263a, 270, 267, u 279b tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

b) U kif ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli immobbli, u cioe' fuq Amusement machines ghad-dannu ta' Classic Gaming Ltd (Anthony Caruana ID 464052), u Cortis Silvio ID 642482M, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50.00), izda hija inqas minn hames mitt lira maltin (Lm500.00) (skond l-Art 325(1b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

c) U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq il-bieb tal-kazin nazzjonalista fi Pjazza San Nikola, Siggiewi ghad-dannu tal-kumitat tal-istess kazin, liema hsara tiskorri l-ghaxar liri maltin (Lm10.00), izda hija inqas minn hamsin lira maltin (Lm50.00) (skond l-Art 325 (1c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammmissjoni tal-imputati fl-aktara stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li nghataw zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidraw din l-ammissjoni taghhhom;

Wara li rat l-Artikoli 263a, 267, 270, 279b, 325 (1b), u 325 (1c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati, apparti l-ammissjoni bikrija taghhom, irritornaw ir-res furtiva, kif jirrizulta mill-verbal tal-lum, u kkoperaw mal-ufficjali tal-pulizija. Ghalhekk jista’ jigi applikat l-Artikolu 337 tal-Kapitolu 9 ghall-finijiet ta’ piena. Inoltre, il-Qorti qed tara wkoll l-eta’ tenera tal-imputati, specjalment tal-imputat Christian Dimech li ghadu minorenni, li ghalhekk ukoll jibbenefika minn riduzzjoni ulterjuri tal-piena. Fid-dawl ta’ dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti hi tal-fehma li sanzjoni fil-komunita’ tkun l-aktar piena adegwata  ghal dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputati Christian Dimech u Malvin Catania hatja tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontriehom, u ghaldaqstant tornda li jitqieghdu taht Ordni ta’ Probabion ghal zmien sena (1) u tlitt (3) snin rispettivament, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------